MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2010

Numru. 65/2009

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Norbert Ciappara u Spettur Johann J.Fenech)**

**Vs**

**Addie Magri**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Addie Magri, bin Charles u Doris nee Spiteri, imwieled l-Awstralja fit-02 ta' Ġunju 1971, residenti numru 35 Triq id-Duluri l-Isla u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 474787 (M)

Akku\at talli fil-25 ta' Frar 2009 u matul it-tliet ta' qabel din id-data f'dawn il-Gżejejr :

1. forna jew pprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel Skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta, lill-persuna/i jew għall-użu ta’ persuna/i mingħajr ma kellu licenzja mill-President ta’ Malta, mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/39) jew minn xi awtorita’ mogħtija mill-President ta’ Malta li jforni d-droga u ma kien fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu licenzja jew xort’oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. Kkommetta dawn ir-reati fi jew gewwa distanza ta’ mitt metru mill-perimetru ta’ skola, klabb jew centru taz-zghazagh jew xi post iehor fejn normalment jiltaqghu iz-zghazagh skond l-Artikolu 22(2b) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

4. Il-Qorti ntalbet ukoll sabeix titratta mal-imputat bħala wieħed li sar reċidiv b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-proċess inklużiċ-ċertifikat tat-twelid tal-imputat li jġib in-numru 4747 tas-sena 1987 , il-fedina penali tal-imputat, l-ordni tal-Avukat Ġenerali tad-d29 ta' Jannar 2009, l-ammissjoni tal-imputat magħmula fis-6 ta' Frar 2009, liema stqarrija huwa kkonferma wara li ngħata ħin biżżejjed biex jaħsibha (fol 12), l-istqarrija tal-imputat (a fol 16), is-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Addie Magri' tas-27 ta' Lulju 2006 mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (fol 19), id-Dok NC 2 (ritratt), il-proċess verbal redatt mill-Maġistrat Dr.Giovanni Grixti u magħluq fil-5 ta' Frar 2009 (fol 26), id-dokument MS (fol 30), id-dokument GS (a fol 53), id-dokument KG a fol 38, id-dokument SFS (fol 41), id-dokument ippreżentat a fol 45, u d-dokument PZ a fol 50, it-tieni ammissjoni magħmula mill-imputat a fol 53 (3 ta' Ġunju 2009), il-verbal tat-3 ta' Lulju 2009 li fih(a) Id-difiża talbet lill-Qorti sabiex taħtar Perit sabiex jikkonstata l-gravanti tal-mitt metru, liema talba ntlaqgħet u nħatat il-Perit Alexei Pace, (b) L-Ispettur Norbert Ciappara li l-imputat kien għen lill-Pulizija, u fl-aħaħrnett ir-rapport ippreżentat mill-Perit Alexei Pace (Dok AP1).

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkonsidart

**L-Istqarrija tal-Imputat**

Il-Qorti eżaminat x'qal l-imputat fl-istqarrija tiegħu. Huwa li ċerta X kienet qaltlu li kien hemm ħabib tagħha li ried jixtri pakkett eroina. Din il-persuna kienet diġa' ċemplet darbtejn oħra f'perjodi ta' ġimgħa jew ġimagħtejn bviex tixtri l-eroina għall-istess persunaiżda dan il-ħabib ji qatt am semmiet ismu iżda kienet qalet li kienet sejra tas-Sliema għandu. U qalet ukoll lid an, min hu, jissnortja. X kienet tat lill-imputat €30 u l-imputat ċempel lil min kellu jċempel. L-imputat kien bagħat messaġġ lil X li l-persuna

li magħha kien għamel l-imputat dalwaqt kienet ser tkun ħdejh. L-imputat kien xtara doża ta' €30 li kienet ġewwa kantuniera ta' borża tal-plastik. L-imputat kien qed iħossu sick u kważi ħa nofsu . X qaltlu li ma kinitx ser ittih mid-doża mixtrija għax il-pakkett ma kienx tagħha u ta' min kien il-pakkett kienx stramb. L-imputat qalilha biex ma ċċempilx aktar. L-imputat wara kien mar id-dar u kien uża l-eroina li kien ħa minn ġol-pakkett ftit qabel. Huwa qal li kien ta l-pakkett tal-eroina lil X ħdejn ta' Giorni Bar jew fil-viċin.

It-tieni, il-Qorti eżaminat l-ammissjoni tal-imputat kif ukoll it-talba tiegħu sabiex ikun konstatat il-gravanti tad-distanza.

L-imputat għamel ammissjoni tal-imputazzjonijiet dedotti kontrih iżda fit-3 ta' Lulju 2009, l-imputat, tramite l-Avukat Difensur talab lill-Qorti jinħatar Perit arkitett sabiex jikkonstata d-distanza.

Mir-relazzjoni tal-Perit Arkitett Alexei Pace jirriżulta li 'Ta' Giorni Bar' u parti mill-fond 'The Palms' jinsabu fiċ-ċirku hekk kreat fid-distanza ta' mitt metru. Min-naħa l-oħra l-Iskola Libjana 'Al Fateh' tinsab barra mid-distanza ta' mitt metru.

Peress illi (a) l-Iskola tinsab barra mill-aprametri ta' mitt metru; u

(b) ma nġiebet ebda prova jekk il-postijiet li jinsabu fiċ-ċirku humiex postijiet frekwentati miż-żgħażagħ il-Qorti qed tillibera lill-imputat mill-gravanti tad-distanza.

It-Tielet, il-Qorti eżaminat l-imputazzjonijiet u l-addebitu l-oħrajn.

Dwar l-imputazzjonijiet (1), (2) u l-addebitu tar-reċidiva, stante l-ammissjonijiet magħmulin mill-imputat, dawn jinsabu ppruvati kif trid il-Liġi u għalhekk il-Qorti qed issibu ħati tagħhom. Min-naħa l-oħra qed tilliberaħ mill-gravanti tad-distanza., lio jidher bħala l-imputazzjoni numru 3.

**Konklużjoni**

Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(h), 49 u 50 tal-Kap 9, ir-regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939, it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii), il-proviso dwar id-distanza li jinsab taħt l-artikolu 22(2)(b)(i)(ii), l-artikoli 22(1B) u 29 kollha tal-Kap 101 issib lill-imputat ħati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni, b’dan pero’ li t-tieni imputazzjoni hija assorbita fl-ewwel imputazzjoni, u tal-addebitu tar-reċidiva li jidher bħala l-aħħar imputazzjoni bla numru waqat li qed tillibera lill-imputat mill-gravanti tad-distanza li jidher immarkat bħala imputazzjoni numru 3.

Dwar il-piena l-Qorti qieset l-ammissjoni magħmula mill-imptutat fit-tieni seduta kif ukoll li huwa għandu jibbenefika mill-artikolu 29 b’żewġ gradi tal-Kap 101.

Iżda min-naħa l-oħra l-imputat huwa reċidiv u mill-fedina penali tiegħu jirriżulta li diġa’ kien ikkundannat għal piena ta’ priġunerija fid-19 ta’ Novembru 1999. Għalhekk il-fedina penali mhux biss turi r-reċidiva iżda turi li l-imputat kellu kundanna oħra dwar l-ispaċċjar u ma tgħallimx minnha.

Għalhekk il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat għal piena ta’ priġunerija ta’ tmintax-il xahar u għall-ħlas ta’ multa ta’ €2300 liema multa tista’ titħallas b’rati ta’ mitt Ewro kull erba’ ġimgħat b’dan pero’ li l-ewwel pagament għandu jitħallas fi żmien erba’ ġimgħat mil-lum. Jekk ma jitħallasx xi pagament il-bilanċ ikun dovut f’daqqa. Jekk xi parti mill-multa ma titħallasx, din għandha tinbidel f’jum priġunerija għal kull €11.65 li ma jitħallsux.

Minħabba li l-imputat għadda xi żmien taħt arrest preventiv in konnessjoni ma’ dan il-każ, japplika l-artikolu 22 tal-Kap 9.

Dwar l-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kap 9, il-Qorti għandha quddiemha diversi esperti li għandhom x’jaqsmu ma’ inkjesta oħra u mhux mal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat. Mill-banda l-oħra l-ħatra tal-Perit Alexei Pace saret minn din il-Qorti iżda l-Qorti ħelset lill-imputat mill-gravanti tad-distanza. Isegwi li m’hemm ebda spejjeż li għalihom huwa patibbli l-imputat.

Il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni tal-affarijiet relatati mad-droga u l-konfiska tal-mobile phone ppreżentat fl-atti.

Il-Qorti, wara li rat in-Nota ta’ Dr. Joseph Tonna tas-Substance Misuse Unit, tirrakkomanda lid-Direttur tal-Faċilita’ Korrettiva ta’ Kordin li jagħti ċans lill-imputat sabiex il-kura tiegħu tibda malajr kemm jsita’ jkun.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------